MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Numru. 345/2002

Il-Pulizija
(Spettur Stephen J Gatt)
vs
Martin Tabone

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Martin Tabone, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 685653(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat :

(a) Talli ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn gewwa vettura LCA237 Ford Escort, liema valur tal-oggetti misruqa ma kienx izjed minn elf lira Maltin, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta’ Nathalie Buhagiar u Ian Joseph Buhagiar;
(b) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg Alvin Vella Nathalie u Ian Joseph Buhagiar,

mobbli jew immobbli billi ghamel hsara fuq vettura LCA237 u oggetti ohra, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira, imma izjed minn hamsin lira Maltin;

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat Martin Tabone talli huwa recediv b'sentenzi definittivi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija nhar il-5 ta' Frar, 1998 Awla 8 u nhar l-20 ta' Lulju, 2001 mill-Magistrat Dr Noel Cuschieri LL.D.;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha li tressqu;

Rat il-provi kollha, d-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-prociediment;

Semghet lill-imputat, debitament assistit, volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dana waqt is-seduta tat-13 ta' Frar, 2003.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-imputat seraq mill-vettura ta' Tracy Vella handbag li kien jikkontjeni cwievet, identity card u flus.  Flus fil-handbag kien hemm mal-erba' mitt lira, kien hemm ukoll cheque.

Irrizulta li insteraq ukoll mobile phone bil-'battery' illi fil-fatt inghataw lura lid-derubata matul dawn il-proceduri, kif ukoll irrizulta illi inghatat lura lid-derubata is-somma ta' hamsa u tletin lira li kienu instabu fuq il-persuna tal-imputat mill-pulizija.

Ikkunsidrat :

Illi wkoll fil-mori ta' din il-kawza id-difiza accettat li bhala kumpens tal-flus li insterqulha mill-imputat it-television set

illi xtara l-imputat bil-flus proprju li kien serqilha, liema television set kien jinsab fil-pussess tal-Ispettur Stephen Gatt. Effettivament il-Qorti awtorizzat lill-Ufficjal Prosekutur sabiex jirrilaxxja dan it-television set lil Nathalie Buhagiar.

Il-Qorti ghalhekk ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi d-derubata iddikjarat ruhha sodisfatta permezz ta' dan it-television set, kif ukoll l-oggetti l-ohrajn illi inghatawlha, ghall-hsarat illi sofriet f'din is-serqa.

Il-Qorti fuq ammissjoni tal-istess imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha, wara illi rat l-Artikoli 261(b), 261(c), 261(g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279, 280, 281, 17, 20 u 325(b) tal-Kap. 9 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena l-Qorti wara, li hadet in konsiderazzjoni l-fatturi kollha imsemmija f'dan il-gudikat, tara illi jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk minflok li jintbaghat il-habs l-imputat jinghata l-attenzjoni mehtiega sabiex ifieq mill-problema illi ghandu tal-vizzju tad-droga.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda taghmel ordni ta' probation li permezz tieghu qeghda iggieghel lill-hati sabiex joqghod taht is-supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti qeghda iggieghel lill-hati wkoll sabiex matul dan il-perjodu jibda u jittermina b'success programm ghar-riabbilitazzjoni mid-droga.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bil-konsegwenzi ta' din is-sentenza u ta' dan l-ordni ta' probation u illi jekk il-hati jonqos milli jibda u jittermina b'success programm ghar-riabilitazzjoni mid-droga u / jew jonqos milli joqghod ghal kull ordni illi jaghtih l-Ufficjal tal-Probation huwa jista jigi ikkundannat ghar-reat originali.

Il-Qorti tiddikjara illi qeghda minnufih tghaddi kopji ta’ dan l-ordni lill-hati u lid-Direttur responsabbli ghas-servizzi tal-Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation li jkun responsabbli ghas-supervizjoni tal-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------